I

(Atti leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT (UE) 2021/1767 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

tas-6 ta' Ottubru 2021

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1367/2006 dwar l-applikazzjoni għall-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità tad-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni ta' Aarhus dwar l-Aċċess għall-Informazzjoni, il-Parteċipazzjoni tal-Pubbliku fit-Teħid ta' Deċiżjonijiet u l-Aċċess għall-Ġustizzja fi Kwistjonijiet Ambjentali

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 192(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz ta' att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ([1]),

Wara li kkonsultaw lill-Kumitat tar-Reġjuni,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja ([2]),

Billi:

(1) L-Unjoni u l-Istati Membri tagħha huma Partijiet għall-Konvenzjoni dwar l-Aċċess għall-Informazzjoni, il-Parteċipazzjoni tal-Pubbliku fit-Teħid ta' Deċiżjonijiet u l-Aċċess għall-Ġustizzja fi Kwistjonijiet Ambjentali (il-"Konvenzjoni ta' Aarhus") ([3]) tal-Kummissjoni Ekonomika tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ewropa (UNECE), kull wieħed bir-responsabbiltajiet u l-obbligi tiegħu, kif ukoll bir-responsabbiltajiet u l-obbligi kondiviżi skont dik il-Konvenzjoni.

(2) Ir-Regolament (KE) Nru 1367/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]) ġie adottat biex jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-obbligi skont il-Konvenzjoni ta' Aarhus billi jistabbilixxi r-regoli dwar l-applikazzjoni tagħha għall-istituzzjonijiet u l-korpi tal-UE.

(3) Fil-komunikazzjoni tagħha tal-11 ta' Diċembru 2019 dwar il-Patt Ekoloġiku Ewropew, il-Kummissjoni impenjat ruħha li tikkunsidra li tirrevedi r-Regolament (KE) Nru 1367/2006 biex iżżid l-aċċess għar-rieżami amministrattiv u ġudizzjarju fil-livell tal-UE għaċ-ċittadini u għall-organizzazzjonijiet ambjentali mhux governattivi li jkollhom tħassib speċifiku dwar il-kompatibbiltà mal-liġi ambjentali ta' atti amministrattivi li jkollhom effetti fuq l-ambjent. Il-Kummissjoni impenjat ruħha wkoll li tieħu azzjoni biex ittejjeb l-aċċess taċ-ċittadini u tal-organizzazzjonijiet mhux governattivi għall-ġustizzja quddiem il-qrati nazzjonali fl-Istati Membri kollha. Għal dak il-għan ħarġet il-Komunikazzjoni tal-14 ta' Ottubru 2020 dwar it-titjib tal-aċċess għall-ġustizzja fi kwistjonijiet ambjentali fl-UE u

([1]) ĠU C 123, 9.4.2021, p. 66.

([2]) Il-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tal-5 ta' Ottubru 2021 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u d-deċiżjoni tal-Kunsill tas-6 ta' Ottubru 2021.

([3]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/370/KE tas-17 ta' Frar 2005 dwar il-konklużjoni, f'isem il-Komunità Ewropea, tal-Konvenzjoni dwar l-aċċess għall-informazzjoni, il-parteċipazzjoni pubblika fit-teħid ta' deċiżjonijiet u l-aċċess għall-ġustizzja fi kwistjonijiet ambjentali (ĠU L 124, 17.5.2005, p. 1).

([4]) Ir-Regolament (KE) Nru 1367/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Settembru 2006 dwar l-applikazzjoni għall-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità tad-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni ta' Aarhus dwar l-Aċċess għall-Informazzjoni, il-Parteċipazzjoni tal-Pubbliku fit-Teħid ta' Deċiżjonijiet u l-Aċċess għall-Ġustizzja fi Kwistjonijiet Ambjentali (ĠU L 264, 25.9.2006, p. 13).

fl-Istati Membri tagħha, li fiha tafferma li "l-aċċess għall-ġustizzja fi kwistjonijiet ambjentali, kemm permezz tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE (QĠUE) kif ukoll permezz tal-qrati nazzjonali bħala qrati tal-Unjoni, huwa miżura ta' appoġġ importanti biex tgħin fit-twettiq tat-tranżizzjoni tal-Patt Ekoloġiku Ewropew u mod kif jissaħħaħ ir-rwol li s-soċjetà ċivili tista' taqdi bħala għassiesa fl-ispazju demokratiku".

(4) Mingħajr preġudizzju għall-prerogattiva tal-QĠUE li tqassam l-ispejjeż, il-proċedimenti tal-qorti skont ir-Regolament (KE) Nru 1367/2006 ma għandhomx ikunu għaljin projbittivament, f'konformità mal-Artikolu 9(4) tal-Konvenzjoni ta' Aarhus. Konsegwentement, l-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni jagħmlu ħilithom biex l-ispejjeż li jġarrbu fi proċedimenti bħal dawn, u li għaldaqstant jitolbu rimborż għalihom, ikunu raġonevoli.

(5) B'kunsiderazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 9(3) u (4) tal-Konvenzjoni ta' Aarhus u l-konklużjonijiet u l-pariri tal-Kumitat għall-Konformità mal-Konvenzjoni ta' Aarhus fil-kawża ACCC/C/2008/32, jenħtieġ li l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni tinġab konformi mad-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni ta' Aarhus dwar l-aċċess għall-ġustizzja fi kwistjonijiet ambjentali b'mod li jkun kompatibbli mal-prinċipji fundamentali tal-liġi tal-Unjoni u mas-sistema tagħha ta' rieżami ġudizzjarju.

(6) Bid-Deċiżjoni (UE) 2018/881 ([5]) il-Kunsill talab studju dwar l-għażliet tal-Unjoni biex jiġu indirizzati l-konklużjonijiet tal-Kumitat għall-Konformità mal-Konvenzjoni ta' Aarhus fil-kawża ACCC/C/2008/32, li għandu jiġi segwit, jekk ikun xieraq, bi proposta għall-emendar tar-Regolament (KE) Nru 1367/2006. Barra minn hekk, il-Parlament Ewropew talab l-emendar tar-Regolament (KE) Nru 1367/2006 fir-riżoluzzjonijiet tiegħu tal-15 ta' Novembru 2017 dwar Pjan ta' Azzjoni għan-natura, in-nies u l-ekonomija ([6]), tas-16 ta' Novembru 2017 dwar l-Analiżi tal-Implimentazzjoni Ambjentali (EIR) tal-UE ([7]) u tal-15 ta' Jannar 2020 dwar il-Patt Ekoloġiku Ewropew ([8]).

(7) L-Artikolu 9(3) tal-Konvenzjoni ta' Aarhus jipprevedi li, fil-qafas tal-liġi nazzjonali tagħha, kull Parti għandha tiżgura li l-membri tal-pubbliku li jissodisfaw il-kriterji stabbiliti fil-liġi nazzjonali tagħha, ikollhom aċċess għal proċeduri ġudizzjarji jew proċeduri oħra ta' rieżami biex jikkontestaw il-legalità sostantiva u proċedurali ta' deċiżjonijiet, atti jew ommissjonijiet li jiksru d-dispożizzjonijiet tal-liġi ambjentali nazzjonali tagħha. Il-proċedura ta' rieżami amministrattiv prevista fir-Regolament (KE) Nru 1367/2006 tikkomplementa s-sistema ġenerali ta' rieżami ġudizzjarju tal-Unjoni li tippermetti lill-membri tal-pubbliku jitolbu rieżami tal-atti amministrattivi permezz ta' kontestazzjonijiet ġudizzjarji diretti fil-livell tal-Unjoni, jiġifieri skont l-Artikolu 263, ir-raba' paragrafu, tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), u, f'konformità mal-Artikolu 267 tat-TFUE, permezz tal-qrati nazzjonali. Id-dritt u l-obbligu tal-qrati nazzjonali li jagħmlu talba lill-QĠUE għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 tat-TFUE huma elementi essenzjali ta' dik is-sistema. Skont l-Artikolu 267 tat-TFUE, kif interpretat mill-QĠUE, il-qrati nazzjonali tal-Istati Membri jiffurmaw parti integrali mis-sistema ta' protezzjoni ġudizzjarja tal-Unjoni bħala qrati ordinarji tal-liġi tal-UE ([9]).

(8) Il-limitazzjoni tar-rieżami intern għal atti amministrattivi ta' ambitu individwali prevista fir-Regolament (KE) Nru 1367/2006 kienet ir-raġuni ewlenija tan-nonammissibbiltà tat-talbiet magħmula minn organizzazzjonijiet ambjentali mhux governattivi għal rieżami intern skont l-Artikolu 10 ta' dak ir-Regolament, inkluż f'dak li jirrigwarda l-atti amministrattivi li jkollhom ambitu aktar wiesgħa. Għaldaqstant jenħtieġ li l-kamp ta' applikazzjoni tal-proċedura ta' rieżami intern stabbilita f'dak ir-Regolament jitwessa' biex dan ikun jinkludi atti mhux leġiżlattivi ta' ambitu ġenerali.

([5]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/881 tat-18 ta' Ġunju 2018 li titlob lill-Kummissjoni tippreżenta studju dwar l-opzjonijiet tal-Unjoni biex tindirizza l-konklużjonijiet tal-Kumitat għall-Konformità mal-Konvenzjoni ta' Aarhus fil-kawża ACCC/C/2008/32 u, jekk adatt fid-dawl tar-riżultati tal-istudju, proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1367/2006 (ĠU L 155, 19.6.2018, p. 6).

([6]) ĠU C 356, 4.10.2018, p. 38.

([7]) ĠU C 356, 4.10.2018, p. 84.

([8]) ĠU C 270, 7.7.2021, p. 2.

([9]) L-Opinjoni tal-Qorti tat-8 ta' Marzu 2011, Ħolqien ta' sistema unifikata ta' riżoluzzjoni ta' tilwim fil-qasam tal-privattivi, 1/09, ECLI:EU:C:2011:123, paragrafu 80.

(9) Il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1367/2006 ikopri atti adottati skont il-liġi ambjentali. Min-naħa l-oħra, l-Artikolu 9(3) tal-Konvenzjoni ta' Aarhus ikopri kontestazzjonijiet ta' atti jew ommissjonijiet li "jiksru" liġi b'rabta mal-ambjent. Għaldaqstant jenħtieġ li jiġi ċċarat li hu meħtieġ rieżami intern biex jiġi vverifikat jekk att amministrattiv jiksirx il-liġi ambjentali.

(10) Meta jkun qed jiġi vvalutat jekk att amministrattiv fihx dispożizzjonijiet li minħabba l-effetti tagħhom jistgħu jiksru l-liġi ambjentali, jenħtieġ li jitqies jekk dawk id-dispożizzjonijiet jistax ikollhom effett negattiv fuq il-kisba tal-objettivi tal-politika tal-Unjoni dwar l-ambjent stabbiliti fl-Artikolu 191 tat-TFUE. F'każ bħal dak, il-proċedura tar-rieżami intern ukoll jenħtieġ li jkopri l-atti adottati fl-implimentazzjoni ta' politiki oħra tal-Unjoni għajr il-politika ambjentali.

(11) Skont l-Artikolu 263 tat-TFUE, kif interpretat mill-QĠUE, att jitqies li jkollu effetti esterni, u b'hekk li jkun jista' jkun soġġett għal talba ta' rieżami, jekk ikollu l-intenzjoni li jipproduċi effetti legali fil-konfront ta' partijiet terzi. Atti preparatorji, rakkomandazzjonijiet, opinjonijiet u atti oħrajn mhux vinkolanti li ma jipproduċux effetti legali fil-konfront ta' partijiet terzi u li għalhekk ma jistgħux jitqiesu li għandhom effetti esterni, f'konformità mal-każistika tal-QĠUE, jenħtieġ, għalhekk, li ma jitqisux li jikkostitwixxu atti amministrattivi skont ir-Regolament (KE) Nru 1367/2006 ([10]).

(12) Sabiex tiġi żgurata l-konsistenza legali, att jitqies li għandu effetti legali, u għaldaqstant li jkun jista' jkun soġġett għal talba ta' rieżami, f'konformità mal-Artikolu 263 tat-TFUE, kif interpretat mill-QĠUE ([11]). Il-fatt li att jitqies legalment vinkolanti jimplika li l-att jista' jkun soġġett għal talba ta' rieżami, irrispettivament mill-forma tiegħu, peress li n-natura tiegħu titqies fir-rigward tal-effetti, l-objettiv u l-kontenut tiegħu ([12]).

(13) Sabiex ikun hemm biżżejjed żmien biex jitwettaq proċess tajjeb ta' rieżami, jixraq li jiġu estiżi l-limiti taż-żmien stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 1367/2006 biex jintalab rieżami amministrattiv u l-limiti ta' żmien applikabbli għall-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni biex iwieġbu għal talbiet bħal dawn.

(14) F'konformità mal-każistika tal-QĠUE ([13]), organizzazzjonijiet ambjentali mhux governattivi jew membri oħra tal-pubbliku li jitolbu rieżami intern ta' att amministrattiv huma obbligati jressqu, meta jiddikjaraw ir-raġunijiet għat-talba ta' rieżami tagħhom, il-fatti jew argumenti legali sostanzjali biżżejjed biex iqajmu dubji serji.

(15) Il-kamp ta' applikazzjoni tal-proċedimenti ta' rieżami skont ir-Regolament (KE) Nru 1367/2006 jenħtieġ li jkopri kemm il-legalità sostantiva kif ukoll dik proċedurali tal-att ikkontestat. F'konformità mal-każistika tal-QĠUE, il-proċedimenti skont l-Artikolu 263, ir-raba' paragrafu, tat-TFUE u l-Artikolu 12 tar-Regolament (KE) Nru 1367/2006 ma jistgħux ikunu msejsa fuq raġunijiet jew provi li ma jkunux jidhru fit-talba ta' rieżami, inkella l-iskop tar-rekwiżit, fl-Artikolu 10(1) tar-Regolament (KE) Nru 1367/2006, relatat mad-dikjarazzjoni tar-raġunijiet ta' rieżami għal talba bħal din jiġi mċaħħad mill-effett utli tiegħu u s-suġġett tal-proċedura mibdija mit-talba jinbidel ([14]).

(16) F'konformità mat-Trattati u mal-prinċipju tal-awtonomija tal-qrati nazzjonali, atti adottati mill-awtoritajiet pubbliċi tal-Istati Membri, inklużi l-miżuri nazzjonali ta' implimentazzjoni mitluba minn att mhux leġiżlattiv adottat skont il-liġi tal-Unjoni, ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1367/2006.

([10]) Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-3 ta' Ottubru 2013, *Inuit Tapiriit Kanatami et vs Il-Parlament Ewropew u Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea*, C-583/11 P, ECLI:EU:C:2013:625, paragrafu 56.

([11]) Ara s-sentenza fil-Kawża C-583/11 P, il-paragrafu 56.

([12]) Is-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-10 ta' Diċembru 1957, *Usines à tubes de la Sarre vs L-Awtorità l-Għolja*, 1/57 u 14/57, ECLI:EU:C:1957:13, p. 114; tal-31 ta' Marzu 1971, *Il-Kummissjoni vs Il-Kunsill*, 22/70, ECLI:EU:C:1971:32, paragrafu 42; tas-16 ta' Ġunju 1993, *Franza vs Il-Kummissjoni*, C-325/91, ECLI:EU:C:1993:245, paragrafu 9; tal-20 ta' Marzu 1997, *Franza vs Il-Kummissjoni*, C-57/95, ECLI:EU:C:1997:164, paragrafu 22; u tat-13 ta' Ottubru 2011, *Deutsche Post u l-Ġermanja vs Il-Kummissjoni*, C-463/10 P u C-475/10 P, ECLI:EU:C:2011:656, paragrafu 36.

([13]) Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-12 ta' Settembru 2019, *TestBioTech vs il-Kummissjoni*, C-82/17 P, ECLI:EU:C:2019:719, paragrafu 69.

([14]) Ara s-sentenza fil-Kawża C-82/17 P, paragrafu 39.

(17) L-organizzazzjonijiet ambjentali mhux governattivi u membri oħra tal-pubbliku jenħtieġ li jkollhom id-dritt jitolbu rieżami intern ta' atti u ommissjonijiet amministrattivi mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni f'konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 1367/2006, kif emendat b'dan ir-Regolament.

(18) Meta jkunu qed juru li d-drittijiet tagħhom ikunu ġew preġudikati, il-membri tal-pubbliku għandhom jagħtu prova tal-ksur ta' drittijiethom. Dan jista' jinkludi restrizzjoni jew ostaklu mhux ġustifikat għall-eżerċizzju ta' tali drittijiet.

(19) Il-membri tal-pubbliku mhumiex obbligati juru li huma kkonċernati direttament u individwalment skont it-tifsira tal-Artikolu 263, ir-raba paragrafu, tat-TFUE, kif interpretat mill-QĠUE ([15]). Madankollu, sabiex jiġi evitat li membri tal-pubbliku jkollhom dritt illimitat li jitolbu rieżami intern ("actio popularis"), li mhuwiex obbligatorju skont il-Konvenzjoni ta' Aarhus, jenħtieġ li dawn jagħtu prova li jkunu affettwati direttament meta mqabbel mal-pubbliku inġenerali, pereżempju fil-każ ta' theddida imminenti għas-saħħa u s-sikurezza tiegħu stess, jew ta' preġudizzju kkawżat lil dritt li jkun intitolat għalih skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, li tirriżulta mill-allegat ksur tal-liġi ambjentali, f'konformità mal-każistika tal-QĠUE ([16]).

(20) Meta jkunu qed jagħtu prova ta' interess pubbliku suffiċjenti, jenħtieġ li l-membri tal-pubbliku juru b'mod kollettiv kemm l-eżistenza ta' interess pubbliku fil-preservazzjoni, il-protezzjoni u t-titjib tal-kwalità tal-ambjent, il-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem, l-użu prudenti u razzjonali tar-riżorsi naturali, jew fil-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima, u li t-talba ta' rieżami tagħhom tkun appoġġata minn għadd suffiċjenti ta' persuni fiżiċi jew ġuridiċi madwar l-Unjoni billi jiġbru l-firem tagħhom b'mod fiżiku jew diġitali.

(21) Sabiex jiġu żgurati proċeduri ta' rieżami intern effettivi, u b'mod partikolari li t-talbiet ta' rieżami jissodisfaw, fejn applikabbli, il-kriterji stabbiliti mir-Regolament (KE) Nru 1367/2006 u jitressqu fatti jew argumenti legali ta' sustanza suffiċjenti biex jitqajmu dubji serji dwar il-valutazzjoni magħmula mill-istituzzjoni jew il-korp tal-Unjoni ([17]), il-membri tal-pubbliku jenħtieġ li jkunu rappreżentati minn organizzazzjoni ambjentali mhux governattiva li tissodisfa l-kriterji stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 1367/2006, kif emendat b'dan ir-Regolament, jew minn avukat awtorizzat li jipprattika fil-qorti ta' Stat Membru.

(22) F'każ li istituzzjoni jew korp tal-Unjoni jirċievu aktar minn talba ta' rieżami waħda għall-istess att jew ommissjoni u jikkombinaw tali talbiet biex jivvalutawhom fi proċedura unika, l-istituzzjoni jew il-korp tal-Unjoni jenħtieġ li jikkunsidraw kull talba fuq il-merti proprji tagħha fir-risposta tagħhom. B'mod partikolari, jekk xi talba bħal din titqies inammissibbli għal raġunijiet proċedurali jew jekk tiġi miċħuda fuq il-mertu, dan jenħtieġ li ma jippreġudikax il-kunsiderazzjoni tat-talbiet l-oħra ta' rieżami trattati fl-istess proċedura.

(23) Sabiex jiġi żgurat li t-trattament tal-każijiet huwa effikaċi, l-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni jenħtieġ li jagħmlu ħilithom biex japplikaw l-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 11 tar-Regolament (KE) Nru 1367/2006 b'mod konsistenti.

(24) Għal raġunijiet ta' trasparenza u ġestjoni effikaċi tal-każijiet, l-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni jenħtieġ li jkunu jistgħu jistabbilixxu sistemi online biex jirċievu talbiet ta' rieżami intern.

(25) Minħabba li l-għan ta' dan ir-Regolament, jiġifieri li jistabbilixxi regoli dettaljati dwar l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni ta' Aarhus għall-istituzzjonijiet u għall-korpi tal-Unjoni, ma jistax jinkiseb b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri, iżda jista' pjuttost, minħabba l-iskala u l-effetti tiegħu, jinkiseb biss fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE). F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex jintlaħaq dak il-għan.

([15]) Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-15 ta' Lulju 1963, *Plaumann vs il-Kummissjoni*, Kawża 25/62, ECLI:EU:C:1963:17.

([16]) Is-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-25 ta' Lulju 2008, *Janecek*, C-237/07, ECLI:EU:C:2008:447; tal-1 ta' Ġunju 2017, Folk, C-529/15, ECLI:EU:C:2017:419, u tat-3 ta' Ottubru 2019, *Wasserleitungsverband Nördliches Burgenland et*, C-197/18, ECLI:EU:C:2019:824.

([17]) Ara s-sentenza fil-Kawża C-82/17 P, paragrafu 69.

(26) Dan ir-Regolament jirrispetta d-drittijiet fundamentali u josserva l-prinċipji magħrufin mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (il-'Karta'), b'mod partikolari l-bżonn li jiġi integrat livell għoli ta' ħarsien tal-ambjent fil-politiki tal-Unjoni (l-Artikolu 37), id-dritt għal amministrazzjoni tajba (l-Artikolu 41) u d-dritt għal rimedju effettiv u għal proċess ġust (l-Artikolu 47). Dan ir-Regolament jikkontribwixxi għall-effikaċja tas-sistema tar-rieżami amministrattiv u tar-rieżami ġudizzjarju tal-Unjoni, u b'riżultat ta' dan, isaħħaħ l-applikazzjoni tal-Artikoli 37, 41 u 47 tal-Karta u b'hekk jikkontribwixxi għall-istat tad-dritt minqux fl-Artikolu 2 TUE.

(27) Għalhekk jenħtieġ li r-Regolament (KE) Nru 1367/2006 jiġi emendat skont dan,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 1367/2006 huwa emendat kif ġej:

(1) fl-Artikolu 2(1), il-punti (g) u (h) huma sostitwiti b'dan li ġej:

"(g) 'att amministrattiv' tfisser kull att mhux leġiżlattiv li jiġi adottat minn istituzzjoni jew korp tal-Unjoni, li jkollu effetti legali u esterni u li jkun fih dispożizzjonijiet li jistgħu jiksru l-liġijiet ambjentali skont it-tifsira tal-punt (f) tal-Artikolu 2(1);

(h) 'ommissjoni amministrattiva' tfisser kull nuqqas min-naħa ta' istituzzjoni jew korp tal-Unjoni li tadotta att mhux leġiżlattiv li jkollu effetti legali u esterni, fejn tali nuqqas jista' jikser il-liġijiet ambjentali skont it-tifsira tal-punt (f) tal-Artikolu 2(1).";

(2) l-Artikolu 10 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafi 1 u 2 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"1. Kull organizzazzjoni mhux governattiva jew membri oħra tal-pubbliku li jissodisfaw il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 11 għandu jkollhom id-dritt li jagħmlu talba ta' rieżami intern lill-istituzzjoni jew lill-korp tal-Unjoni li adottaw l-att amministrattiv jew, fil-każ ta' allegazzjoni ta' ommissjoni amministrattiva, kellhom jadottaw tali att, għar-raġuni li tali att jew tali ommissjoni jiksru l-liġi ambjentali skont it-tifsira tal-punt (f) tal-Artikolu 2(1).

Tali talbiet għandhom isiru bil-miktub u f'limitu ta' żmien li ma jaqbiżx it-tmien ġimgħat wara li jkun ġie adottat, notifikat jew ippubblikat l-att amministrattiv, skont liema jkun l-aktar tard, jew, fil-każ ta' allegazzjoni ta' ommissjoni amministrattiva, tmien ġimgħat wara d-data li fiha kien meħtieġ l-att amministrattiv. It-talba għandha tinkludi r-raġunijiet għar-rieżami.

2. L-istituzzjoni jew il-korp tal-Unjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandhom iqisu kull tali talba, sakemm ma tkunx infondata manifestament jew mhux sostanzjata b'mod ċar. F'każ li istituzzjoni jew korp tal-Unjoni taslilhom aktar minn talba waħda ta' rieżami tal-istess att amministrattiv jew ommissjoni amministrattiva, l-istituzzjoni jew il-korp jistgħu jgħaqqdu t-talbiet flimkien u jittrattawhom bħala talba waħda. L-istituzzjoni jew il-korp tal-Unjoni għandhom jagħtu r-raġunijiet tagħhom fi tweġiba bil-miktub kemm jista' jkun malajr, iżda mhux aktar tard minn 16-il ġimgħa wara l-iskadenza ta' tmien ġimgħat stabbilita fit-tieni subparagrafu tal-paragrafu 1.";

(b) fil-paragrafu 3, it-tieni subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Fi kwalunkwe każ, l-istituzzjoni jew il-korp tal-Unjoni għandhom jaġixxu fi żmien 22 ġimgħa mill-iskadenza ta' tmien ġimgħat stabbilita fit-tieni subparagrafu tal-paragrafu 1.";

(3) l-Artikolu 11 huwa emendat kif ġej:

(a) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

"1a. Talba ta' rieżami intern tista' ssir ukoll minn membri oħra tal-pubbliku, soġġett għall-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) għandhom juru t-tfixkil ta' drittijiethom ikkawżat mill-allegat ksur tal-liġi ambjentali tal-Unjoni u li huma affettwati direttament minn tali tfixkil meta mqabbla mal-pubbliku inġenerali; jew

(b) għandhom juru interess pubbliku suffiċjenti u li t-talba hija appoġġata minn tal-anqas 4 000 membru tal-pubbliku residenti jew stabbiliti f'mhux inqas minn ħames Stati Membri, b'tal-anqas 250 membru tal-pubbliku minn kull wieħed minn dawk l-Istati Membri.

Fil-każijiet imsemmija fl-ewwel subparagrafu, il-membri tal-pubbliku għandhom ikunu rappreżentati minn organizzazzjoni mhux governattiva li tissodisfa l-kriterji stabbiliti fil-paragrafu 1 jew minn avukat awtorizzat li jipprattika f'qorti ta' Stat Membru. Dik l-organizzazzjoni mhux governattiva jew dak l-avukat għandhom jikkooperaw mal-istituzzjoni jew il-korp tal-Unjoni kkonċernati sabiex jiġi stabbilit li l-kundizzjonijiet kwantitattivi fil-punt (b) tal-ewwel subparagrafu huma ssodisfati, fejn applikabbli, u għandhom jipprovdu evidenza ulterjuri ta' dan fuq talba.";

(b) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Il-Kummissjoni għandha tadotta d-dispożizzjonijiet meħtieġa sabiex tiżgura li l-kriterji u l-kundizzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 u fit-tieni subparagrafu tal-paragrafu 1a jiġu applikati b'mod trasparenti u konsistenti.";

(4) jiddaħħal l-artikolu li ġej:

"Artikolu 11a

Pubblikazzjoni ta' talbiet u deċiżjonijiet finali, u sistemi online għar-riċeviment ta' talbiet

1. L-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni għandhom jippubblikaw it-talbiet kollha ta' rieżami intern malajr kemm jista' jkun wara li jirċevuhom, kif ukoll id-deċiżjonijiet finali kollha dwar dawk it-talbiet malajr kemm jista' jkun wara l-adozzjoni tagħhom.

2. L-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni jistgħu jistabbilixxu sistemi online biex jirċievu talbiet ta' rieżami intern u jistgħu jirrikjedu li t-talbiet kollha ta' rieżami intern jitressqu permezz tas-sistemi online tagħhom.";

(5) L-Artikolu 12(2) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Jekk l-istituzzjoni jew il-korp tal-Unjoni jonqsu milli jaġixxu f'konformità mal-Artikolu 10(2) jew (3), l-organizzazzjoni mhux governattiva jew membri oħra tal-pubbliku li jkunu għamlu t-talba ta' rieżami intern skont l-Artikolu 10 jistgħu jiftħu kawża quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja f'konformità mad-dispożizzjonijiet rilevanti tat-Trattat.";

(6) tul it-test tar-Regolament, ir-referenzi għad-dispożizzjonijiet tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea (it-Trattat KE) għandhom jiġu sostitwiti b'referenzi għad-dispożizzjonijiet korrispondenti tat-TFUE u għandha ssir kwalunkwe bidla grammatikali meħtieġa;

(7) tul it-test tar-Regolament, anki fit-titolu, il-kelma "Komunità" għandha tiġi sostitwita bil-kelma "Unjoni", u għandha ssir kwalunkwe bidla grammatikali meħtieġa.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

L-Artikolu 1, punt (3)(a), għandu japplika mid-29 ta' April 2023.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Strasburgu, is-6 ta' Ottubru 2021.

Għall-Parlament Ewropew	*Għall-Kunsill*
Il-President	*Il-President*
D.M. SASSOLI	A. LOGAR